MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 283/2008

**Emanuel Spiteri u Pauline Spiteri**

**vs**

**Benedetta Meilak u; b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' April 2008 gew nominati bhala Kuraturi Deputati Dr. Richard Sladden u l-P.L. Hilda Ellul Mercer biex jirraprezentaw l-eredita' gjacenti ta' Joseph Meilaq sive Meilak; u b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' Marzu 2010 qed jigi mahtur Dr. Simon Micallef Stafrace bhala Deputat Kuratur minflok Dr. Richard Sladden**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Emanuel u Pauline konjugi Spiteri, li permezz tieghu wara li ppremettew illi:

Ir-rikorrenti kienu kkoncedew lill-konjugi Joseph u Benedetta Meilak sive Meilaq sive Mejlak b'titolu ta' self

brevi manu is-somma ta' erbghin elf lira Maltin (Lm40,000.00) ekwivalenti ghal tlieta u disghin elf, mija u erbgha u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€93,174.94).

Joseph Meilak kien inter alia rrikonoxxa id-debitu in iskritt permezz ta' affidavit datat is-sbatax ta' Marzu elfejn u hamsa (17.03.2005), mahluf quddiem in-Nutar Dottor Eric Wadge. *Dokument originali anness bhala Dokument 'A'*.

Minkejja bosta interpellazzjonijiet mir-rikorrenti – inkluza ittra ufficjali tas-sittax ta' Ottubru elfejn u sitta (16.10.2006) – il-konjugi Meilak baqghu ghalkollox inadempjenti. *Kopja legali tal-ittra ufficjali annessa bhala Dokument 'B'*.

Fis-sitta u ghoxrin ta' Settembru elfejn u sebgha (26.09.2007), Joseph Meilak (K.I. 23836M) miet. *Kopja awtentikata tac-certifikat tal-mewt hija annessa bhala Dokument 'C'*.

Is-successjoni ta' Joseph Meilak hija regolata minn testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard tat-tnejn ta' Lulju elf disa' mija u sebgha u tmenin (02.07.1987). *Kopja originali tac-certifikat tar-ricerki testamentarji mwettqa fir-Registru Pubbliku hija annessa bhala Dokument 'D'. Kopja originali tac-certifikat tar-ricerki testamentarji mwettqa fil-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja ) hija annessa bhala Dokument 'E'. Kopja awtentikata tal-estratt relevanti tat-testment hija annessa bhala Dokument 'F'*.

Jirrizulta mit-testment illi Raymond Meilak, Herman Meilak, Christopher Meilak u Veronica Tabone, ilkoll ahwa Meilak gew mahtura eredi universali u padruni assoluti tal-assi ereditarju ta' missierhom Joseph Meilak f'ishma indaqs bejniethom waqt illi l-konvenuta Benedetta Meilak giet imhollja l-uzu u l-uzufrutt tal-assi ereditarju kollu ta' Joseph Meilak permezz ta' legat, inter alia bil-fakolta' illi tiddisponi mill-gid soggett ghall-istess uzu u uzufrutt, ghad-diskrezzjoni assoluta taghha, minghajr il-bzonn tal-kunsens tal-eredi jew l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Permezz ta’ ittra legali datata s-sittax ta’ Jannar elfejn u tmienja (16.01.2008), il-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont surriferit, izda huma baqghu ghalkollox inadempjenti. *Kopja tal-ittra legali hija annessa bhala Dokument ‘G’*.

Permezz ta’ notaipprezentata nhar it-tnax ta’ Frar elfejn u tmienja (12.02.2008), Raymond Meilak, Herman Meilak, Christopher Meilak u Veronica Tabone, ilkoll ahwa Meilak, irrinunzjaw ghall-wirt ta’ missierhom Joseph Meilak. *Kopja tan-nota ta’ rinunzja hija annessa bhala Dokument ‘H’*. Illi ghalhekk, f’dak illi kellu x’jaqsam mad-dispozizzjonijiet testamentarji favur ir-rinunzjanti, il-wirt ta’ Joseph Meilak huwa gjacenti.

Fil-fehma tar-rikorrenti, id-dejn dovut lilhom huwa wiehed cert, likwidu u dovut lilhom u l-konvenuti ma ghandhomx ma ghandhomx eccezzjonijiet validi x’jaghtu ghat-talbiet attrici.

Dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tipprocedi billi tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta’ Malta;

Prevja dikjarazzjoni illi l-konvenuti huma solidalment bejniethom debituri tar-rikorrenti fis-somma ta’ tlieta u disghin elf, mija u erbgha u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€93,174.94), konsegwentement ghal self brevi manu koncess mir-rikorrenti lill-konjugi Joseph u Benedetta Meilak, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-istess somma lir-rikorrenti solidalment bejniethom flimkien mal-imghax legali.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-sittax ta’ Ottubru elfejn u sitta (16.10.2006) u tal-ittra legali tas-

sittax ta’ Jannar elfejn u tmienja (16.01.2008), kontra l-konvenuti in solidum bejniethom illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-imsemmija Kuraturi Deputati, li in forza taghha eccepew illi:

L-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-kawzali stess tar-rikors guramentat jirrizulta illi l-eredita’ ta’ Joseph Meilaq sive Meilak mhijiex gjacenti u ghalhekk in-nomina tal-kuraturi deputati hi intempestiva u mhux f’lokha u l-istess kuraturi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u d-digriet fejn gew nominati ghandu jigi revokat *contrario imperio*.

Ghal dan l-iskop kitbu lill-intimata l-ohra Benedetta Meilak sabiex jinghataw kull informazzjoni sabiex tigi kkontestata t-talba rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat illi minkejja li l-intimata Benedetta Meilak, debitament notifikata bil-procedura tal-publikazzjoni u l-affissjoni, nghatat il-fakolta li tipprezenta risposta guramentata fil-verbal tal-udjenza tal-14 ta’ Ottubru 2008 ghal liem kienet prezenti u debitament assistita, hija naqset li tikkontesta l-kawza u ghalhekk huwa pacifiku li l-intimata Benedetta Meilak ghazlet li tibqa kontumaci f’kawza ta’ giljottina minkejja l-fatt li hija originarjament dehret personalment biex tipprova twiegeb billi tikkontestaha bl-eccezzjonijiet ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Illi skont is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea',** deciza nhar is-26 ta April 2001 jinghad li:

"*Huwa pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni u skond kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f' certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabilixxi l-verita` tal-fatti."*

Il-gurisprudenza kostanti f'dan ir-rigward hi li kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha tal-intimat ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jigi allegat kontrih mill-parti rikorrenti; ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni.

Ghax il-kontumacja hija meqjusa fid-dritt bhala kontestazzjoni, din il-Qorti qieset b`reqqa l-kontenut tar-rikors promotorju, li kien konfermat bil-gurament skond il-ligi, id-dokumenti hemm annessi mieghu u x-xhieda prodotti mill-kontendenti l-ohra f'din il-kawza u dana peress li l-kontumacja tal-intimata ma tehlisx lir-rikorrenti mill-htiega li jaghmlu l-prova tal-fatti li fuqhom hija mibnija t-talba taghhom, u anzi, l-htiega li jaghmlu l-ahjar prova, kif irid l-artikolu 559, issir aktar urgenti billi l-Qorti jkollha toqghod fuq ix-xhieda ta' wahda mill-partijiet.

Rizultanzi

*Kreditu Pretiz*

Din il-kawza titratta dwar self brevi manu li kien sar mir-rikorrenti lil Joseph Meilak li gie nieqes fis-26 ta' Settembru 2007. Dwar dan is-self l-atturi ressqu affidavit ta' Emmanuel Spiteri a fol 6 u 7, li xehed ulterjorment a 81 et seq, 88 u 111 tal-process. Ir-rikorrent Spiteri kkonferma li kien sellef is-somma ta' €93,174.94 lil Joseph Meilak. Ghalkemm ma indikax meta dan sehh, jidher li dan is-self sar ghall-anqas f'zewg okkazzjonijiet f'ammonti differenti u dana madwar is-sena 2002 u 2003.

Irrizulta li fis-17 ta' Marzu 2005 Joseph Meilak kien deher quddiem in-Nutar Eric Wadge u kkonferma bil-gurament tieghu f'affidavit li jinstab esebit a fol 8 tal-process is-segwenti:

"*Jiena ssellift brevi manu minghand Emmanuel Spiteri (K.I. 433553M) u martu Pauline Spiteri (K.I. 886854M) is-somma ta' erbghin elf Lira Maltija (LM40,000) u nirrikonoxxi li ghandi naghti lura din is-somma fl-intier taghha mill-aktar fis, u barra minn hekk, huwa wkoll dovut l-imghax lill-konjugi Spiteri fuq l-istess somma*".

Dan l-affidavit kontenenti rikoxximent da parti tad-debitur tal-kreditu dovut lir-rikorrenti bl-ebda mod ma gie kontradett mill-intimati u ghalhekk il-Qorti trid taghti l-piz dovut lill-kontenut tal-affidavit, kif sorrett mid-deposizzjoni tar-rikorrenti Emmanuel Spiteri. Ma tirrizulta ebda cahda kategorika ta' dan il-kreditu min-naha tal-intimati. Benedetta Meilak meta xehdet ma cahditx li kien hemm kreditu dovut lill-konjugi Spiteri, izda wiegbet illi hija ma kienet involuta bl-ebda mod fin-negozju ta' zewgha u ma taf xejn dwar il-flus li r-rikorrenti jghidu li sellfu lil zewgha.

Is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' gharfien bl-ebda mod ma timmina t-tezi tar-rikorrenti. Anzi jidher mid-deposizzjoni tal-istess intimata li, ghalkemm ftit li xejn kienet involuta fin-negozju ta' zewgha, kienet taf li r-rikorrenti kellu pretensjoni fil-konfront taghhom, tant li kienet semghet xi diskors minn dak li qal Spiteri lil zewgha fis-sens li "*smajt lil Spiteri jghid li ghandu jiehu l-imghax*". Anke wara l-mewt ta' zewgha l-intimata kienet giet rinfaccjata bil-pretensjoni tar-rikorrenti meta r-rikorrent Spiteri stess kien mar ikellimha, u sussegwentement meta kien bghatilha ittra ufficjali, li l-intimata tichad li qatt irceviet izda huwa evidenti mir-referta a fol 10 tal-process li dan ma kienx il-kaz.

L-Avukat Dottor Anthony Farrugia, li kien il-konsulent legali ta' Joseph Meilak, ikkonferma fix-xhieda tieghu a fol 108 et seq li huwa kien tkellem ma' Dr Tufigno diversi drabi dwar id-dejn ta' Meilak mas-Sur Spiteri. Stqarr illi "*is-*

*<u>Sur Meilak dejjem kien jaghtini l-impressjoni illi l-mara tieghu ssegwi dak li jixtieq hu f'dak li hu negozju. Nikkonferma li jiena tkellimt ma' Dr. Tufigno dwar il-fatt li s-Sur Meilak kien qed jipprova jbiegh id-dar biex jissodisfa djun li kellu</u>. Is-Sur Meilak kellu diffikultajiet anke peress illi kienu ttiehdu kontrih proceduri kriminali u kellu qbid tal-assi tieghu minhabba money laundering, ghalhekk kellu diffikultajiet kbar biex jillikwida l-assi....is-Sinjura Meilak mieghi kienet titkellem b'mod generali, li xtaq jirranga l-provlemi tieghu u mhux b'referenza ghal xi dejn partikolari b'relazzjoni ma' iehor". Is-Sur Meilak lili qatt ma kellimni biex jirranga mas-Sur Spiteri, l-informazzjoni li kien ikolli kienet minghad Dr Tufigno li kien jghidli li l-partijiet qed jitkellmu bejniethom*".

Ezaminati dawn ir-rizultanzi, il-Qorti hija moralment konvinta li dan is-self brevi manu lil Joseph Meilak mir-rikorrenti sar, liema self baqa' ma thallasx.

*Posizzjoni Legali tal-Intimata*

Issa wiehed ghandu jezamina l-posizzjoni legali tal-intimata li hija legatarja ta' zewgha Joseph Meilak in forza tat-testment unica charta fuq citat kif ukoll bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejnha u bejn zewgha.

In forza tat-tieni artikolu tat-testment unica charta fuq imsemmi, giet espressa x-xewqa tat-testatur Joseph Meilak fis-segwenti: "it-testatur qieghed ihalli lil martu b'titolu ta' legat l-uzu u l-uzufrutt tal-assi ereditarji tieghu in generali kollox inkluz u qieghed jezenta lil martu mill-obbligu li taghmel l-inventarju u li taghti l-kawzjoni mehtiega mil-Ligi. It-testatur qieghed jaghti lil martu li f'kaz ta' bzonn u necessita hija tkun tista' tiddisponi mill-gid soggett ghal dan l-uzu u uzufrutt, ghad-diskrezzjoni assoluta taghha, minghajr il-bzonn tal-kunsens ta' l-eredi jew l-awtorizazzjoni tal-Qorti".

Mill-ittra datata 16 ta' Jannar 2008 esebita a fol 19 tal-process jidher li l-pretensjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimata Benedetta Meilak kienet bazata kemm fuq il-fatt li

kienet legatarja ta’ zewgha, fatt imsemmi fil-premessi fir-rikors promotorju, kif ukoll fil-kwalita taghha bhala kompartecipi fil-Komunjoni tal-Akkwisti precedentement ezistenti bejnha u bejn zewgha. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jsejsu l-pretensjoni taghhom din id-darba mal-argument, li wara r-rinunzja da parti ta’ ulied Joseph Meilak tal-wirt ta’ missierhom, l-intimata hija werrieta ta’ zewgha ai termini tal-Artikolu 808 tal-Kap 12 ghaliex il-wirt ta’ zewgha baqa’ battal.

Ghal dak li jirrigwarda l-partecipazzjoni tal-intimata fil-komunjoni tal-akkwisti precedentement ezistenti bejnha u bejn zewgha, il-Kodici Civili taghna (Kap 16) jaghmel distinzjoni bejn dawk l-atti ta’ amministrazzjoni ordinarja, li huma koncessi lill-kull wahda mill-mizzewgin separatament, u li jorbtu lill-komunjoni tal-akkwisti skond is-subinciz (b) tal-Artikolu 1327; u dawk l-atti ta’ amministrazzjoni straordinarja li ma jistghux jigu attwati jekk mhux bil-partecipazzjoni taz-zewg konjugi. L-unika eccezzjoni ghar-regola stabbilita` fis-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 1322 insibuha fl-artikolu 1324 li jitkellem dwar atti normali ta’ gestjoni ta’ kummerc, negozju jew professjoni meta il-jedd li jezercita dawk l-atti jkun vestit f’dik il-parti (mill-mizzewgin) li tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni, anke jekk tali atti jkun jikkostitwixxu atti ta’ amministrazzjoni straordinarja. L-att ta’ amministrazzjoni straordinarja li ma jkunx relatat ma’ xi kummerc, negozju jew professjoni, dejjem jehtieg, ad validitatem, il-kunsens jew partecipazzjoni taz-zewg konjugi. Infatti fl-assenza ta’ tali kunsens jew partecipazzjoni, l-parti li ma tkunx hadet sehem f’dak l-att ta’ amministrazzjoni straordinarja, hija intitolata li fi zmien tlett snin tipprocedi ghall-annullament ta’ dak l-att, liema terminu jibda jiddekorri jew minn meta tkun saret taf bih, jew mir-registrazzjoni, jekk dan ikun mehtieg, jew minn meta tintemm il-komunjoni tal-akkwisti. Dan id-dritt tal-konjugi li ma tkunx ippartecipat f’dak l-att ta’ amministrazzjoni straordinarja jispicca ukoll fi zmien tliet xhur mill-jum li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta’ att gudizzjarju, kemm-il darba dik il-parti

ma tkunx bdiet azzjoni ghal dak l-annullament. (Art. 1326).

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li ttiehdu xi proceduri mill-intimata biex tannulla l-att ta' amministrazzjoni straordinarja konsistenti fis-self brevi manu moghti lil zewgha. Ghalhekk, fl-assenza ta' prova li dik il-parti, espressament jew tacitament, irratifikat dak l-att, ir-rimedju tal-parti li ma tkunx ippartecipat fl-att ta' amministrazzjoni straordinarja, jkun biss li "*tiehu azzjoni biex iggieghel lill-parti li tkun agixxiet wahedha tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista` jsir, taghmel tajjeb ghad-danni li jkun garrab*" [Art. 1326(5)].

"Minn dan jidher li att ta' amministrazzjoni straordinarja ta' wiehed mill-konjugi wahdu jorbot l-assi tal-komunjoni talakkwisti kemm-il darba ma jkunx hemm pronunzjament tal-qorti dwar in-nullita` ta' dak l-att. Ir-relazzjonijiet interni bejn il-konjugi ghar reintegrazzjoni jew danni, kif fuq inghad, ma jeffettwawx lit-terz".

Issa fil-kaz in ezami, kif gja rajna aktar 'il fuq, l-intimata Benedetta Meilak ma istitwit ebda proceduri. Isegwi li dak id-dejn li gie rikonoxxut bl-affidavit ta' zewgha Joseph Meilak huwa piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti precedentement ezistenti bejn il-konjugi Meilak.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-intimata Benedetta Meilak bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ghandha twiegeb ghall-pretensjoni tar-rikorrenti.

Mhux l-istess jista' pero jinghad fir-rigward tal-kwalita' taghha bhala legatarja in forza tat-testiment fuq citat jew inkella bhala werrieta. Darba l-legatarju huwa paragunat bhala "kreditur" tal-wirt, u ghandu l-proprjeta libera tal-legat sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, ma huwiex meqjus mghobbi bid-djun tal-wirt. Lanqas jista jitqies li l-intimata Benedetta Meilak kienet werrieta in kwantu hija ma kinitx giet nominata bhala eredi bit-testment ta' zewgha u ghalkemm saret ir-rinunzja da parti tal-werrieta

nominati fit-testment minn zewgha, dan ma jfissirx li hija saret werrieta ex lege jew ab intestato.

*Il-pozizzjoni tal-Kuraturi*

Joseph Meilak kien irregola s-successjoni tieghu permezz ta’ testment unica charta permezz ta’ liem kien hatar lill-uliedu bhala eredi universali tieghu filwaqt illi istitwixxa legat favur martu. Ulied Joseph Meilak irrinunzjaw ghall-eredita tieghu u fit-termini tal-artikolu 861, l-eredi li jirrinunzja ghas-successjoni b’testment jitlef kull jedd ghas-successjoni ab intestato. Inoltre fit-termini tal-artikolu 864 tal-Kap 16, “hadd ma jista’ jidhol fil-wirt bil-jedd ta’ rapprezentazzjoni flok werriet li jirrinunzja”. Kwindi mhumiex korretti r-rikorrenti meta jtennu li “minhabba r-rinunzja ta’ wlied Joseph Meilak bl-operat tal-artikolu 808 tal-Kap 12, il-wirt ta’ Joseph Meilak devolvova in kwantu ghan-nofs l-iehor fuq il-mara tieghu Beneditta Meilak u in kwantu ghan-nos l-iehor fuq id-dixxendenti ta’ Joseph Meilak.”

L-artikolu 808 tal-Kap 12 jittratta kwistjoni procedurali ta’ kontumacja ta’ dehra tal-werriet fi proceduri li m’ghandhiex effett sostantiv dwar il-qaghda tal-werriet in kwantu ma timplikax rinunzja. Dan l-artikolu pero mhuwiex applikabbli ghaliex l-kontumacja tal-intimata ma jistax ikollha implikazzjonijiet previsti minn dan l-artikolu in kwantu hija mhijiex eredi ta’ zewgha. Lanqas jista’ jkollha implikazzjoni fuq ulied Joseph Meilak in kwantu dawn irrinunzjaw ghall-wirt tieghu u kif rajna, bl-applikazzjoni tal-artikolu 861 huma tilfu l-jedd tas-successjoni b’testment kif ukoll dik ab intestato.

Il-kuraturi deputati eccepew illi l-eredita ta’ Joseph Meilak mhijiex gjacenti. Din l-eccezzjoni ma ssostanzjawhiex fin-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva taghhom u jidher li matul l-andament ta’ dawn il-proceduri agixxew b’mod tali li ma dehrux li qed jinsistu fuq din l-eccezzjoni, tant li baqghu jidhru fil-kwalita taghhom ta’ kuraturi ghal wirt battal ta’ Joseph Meilak.

Fic-cirkostanzi, u in vista tal-fatt li Joseph Meilak gie nieqes fis-26 ta’ Settembru 2007 u ma jirrizultax mill-atti li kien hemm xi persuna li s’issa accettat il-wirt, il-wirt ta’ Joseph Meilak ghandu jigi meqjus battal fit-termini tal-artikol 908 tal-Kap 16 u ghalhekk tqis din l-eccezzjoni tal-kuraturi deputati bhala infondata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati u tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrenti billi filwaqt illi tiddijara li l-intimati huma solidalment bejniethom debituri tar-rikorrenti fis-somma ta’ tlieta u disghin elf, mija u erbgha u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€93,174.94) ghar-ragunijiet fuq moghtija; tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma mitluba ta’ tlieta u disghin elf, mija u erbgha u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€93,174.94), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------